SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla Estiża)

16 ta' Ġunju 2011 *

Fil-Kawża T-194/06,

**SNIA SpA,** stabbilita f'Milano (l-Italja), irrappreżentata minn A. Santa Maria, C. Biscaretti di Ruffia u E. Gambaro, avukati,

rikorrenti,

vs

**Il-Kummissjoni Ewropea,** inizjalment irrappreżentata minn V. Di Bucci u F. Amato, sussegwentement minn V. Di Bucci u V. Bottka, bħala aġenti,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2006) 1766 finali, tat-3 ta' Mejju 2006, dwar proċedura taħt l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/F/38.620 — Perossidu tal-idroġenu u perborat), inkwantu din tirrigwarda lir-rikorrenti,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla Estiża),

komposta minn V. Vadapalas, li jaġixxi bħala President (Relatur), A. Dittrich u L. Truchot, Imħallfin,

Reġistratur: J. Palacio González, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tad-19 ta' Mejju 2010,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

**Il-fatti li wasslu għall-kawża**

1 Ir-rikorrenti, SNIA SpA, hija kumpannija stabbilita taħt id-dritt Taljan. Fiż-żmien tal-fatti tal-każ, hija kienet l-azzjonarja prinċipali, b'sehem ta' minn 53 sa 59 %, minn Caffaro SpA (iktar 'il quddiem l-"ex-Caffaro"), li, min-naħa tagħha, kienet tikkontrolla 100 % tal-kapital tal-kumpannija Industrie Chimiche Caffaro SpA (li saret Caffaro SpA u, imbagħad, Caffaro Srl, iktar 'il quddiem "Caffaro"). Din tal-aħħar kienet tikkummerċjalizza, sal-1999, il-perborat tas-sodju (iktar 'il quddiem il-"PBS"). Fis-sena 2000, l-ex-Caffaro amalgamat ruħha mar-rikorrenti, li assumiet il-kontroll ta' 100 % tal-kapital ta' Caffaro.

2 F'Novembru 2002, Degussa AG informat lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej bl-eżistenza ta' akkordju fis-swieq tal-perossidu tal-idroġenu (iktar 'il quddiem il-"PI") u tal-PBS u talbet l-applikazzjoni tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-immunità minn multi u tnaqqis f'multi f'każijiet ta' kartell (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 155).

3 Degussa pprovdiet provi konkreti lill-Kummissjoni li ppermettewlha tagħmel, fil-25 u fis-26 ta' Marzu 2003, verifiki fil-bini ta' tliet impriżi.

4 Fis-26 ta' Jannar 2005, il-Kummissjoni bagħtet dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet lir-rikorrenti u lill-impriżi l-oħra kkonċernati, li għaliha r-rikorrenti rrispondiet fil-25 ta' Marzu 2005.

5 Wara li semgħet lill-impriżi kkonċernati, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C (2006) 1766 finali, tat-3 ta' Mejju 2006, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE kontra Akzo Nobel NV, Akzo Nobel Chemicals Holding AB, EKA Chemicals AB, Degussa, Edison SpA, FMC Corp., FMC Foret SA, Kemira Oyj, L'Air liquide SA, Chemoxal SA, ir-rikorrenti, Caffaro, Solvay SA, Solvay Solexis SpA, Total SA, Elf Aquitaine SA u Arkema SA. (Każ COMP/F/38.620 — Perossidu tal-idroġenu u perborat) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), li sommarju tagħha ġie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tat-13 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 353, p. 54). Din ġiet innotifikata lir-rikorrenti permezz ta' ittra tat-8 ta' Mejju 2006.

**Id-deċiżjoni kkontestata**

6 Il-Kummissjoni indikat, fid-deċiżjoni kkontestata, li d-destinatarji tagħha kienu pparteċipaw fi ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 81 KE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), fir-rigward tal-PI u l-prodott downstream, il-PBS (premessa 2 tad-deċiżjoni kkontestata).

7 Il-ksur ikkonstatat ikkonsista prinċipalment fl-iskambju, bejn kompetituri, ta' informazzjoni importanti mill-perspettiva kummerċjali u ta' informazzjoni kunfidenzjali dwar is-swieq u l-impriżi, f'limitazzjoni u f'kontroll tal-produzzjoni u ta' kapaċitajiet potenzjali u reali tagħhom, fi tqassim ta' ishma mis-suq u ta' klijenti kif ukoll fl-iffissar u fis-sorveljanza tal-osservanza tal-miri tal-prezz.

8 Ir-rikorrenti nżammet responsabbli għall-ksur "flimkien u *in solidum*" ma' Caffaro (premessi 407 sa 412 tad-deċiżjoni kkontestata).

9 L-Artikolu 1(k) tad-deċiżjoni kkontestata jipprovdi li r-rikorrenti kisret l-Artikolu 81(1) KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE, meta pparteċipat fil-ksur inkwistjoni bejn id-29 ta' Mejju 1997 u l-31 ta' Diċembru 1998.

10 Fl-Artikolu 2(g) tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni imponiet fuq ir-rikorrenti, flimkien ma' Caffaro "konġuntament u *in solidum*", multa fl-ammont ta' EUR 1.078 miljun.

**Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet**

11 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-18 ta' Lulju 2006, ir-rikorrenti ressqet din l-azzjoni.

12 Peress li sar tibdil fil-kompożizzjoni tal-awli tal-Qorti Ġenerali, l-Imħallef Relatur ġie assenjat għas-Sitt Awla u, wara li nstemgħu l-partijiet, din il-kawża ntbagħtet quddiem is-Sitt Awla Estiża.

13 Peress li membru tal-Awla ma setax jassumi postu, il-President tal-Qorti Ġenerali ħatar, skont l-Artikolu 32(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, imħallef ieħor sabiex jikkompleta l-Awla.

14 Fuq rapport tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li tiftaħ il-proċedura orali. Is-sottomissjonijiet u t-tweġibiet tal-partijiet għall-mistoqsijiet li sarulhom mill-Qorti Ġenerali nstemgħu fis-seduta li nżammet fid-19 ta' Mejju 2010.

15 Skont l-Artikolu 32 tar-Regoli tal-Proċedura, peress li membru tal-Awla ma setax jipparteċipa fid-deliberazzjoni, l-imħallef li huwa l-inqas anzjan skont l-Artikolu 6 tar-Regoli tal-Proċedura konsegwentement astjena milli jipparteċipa fid-deliberazzjoni u d-deliberazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali tkomplew mit-tliet imħallfin li ffirmaw din is-sentenza.

16 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata, sa fejn din tinkludiha fost id-destinatarji tagħha u timponi fuqha, *in solidum* ma' Caffaro, multa;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

17 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors;

— tikkundanna lir-rikorrent għall-ispejjeż.

## Id-dritt

*L-argumenti tal-partijiet*

18 Ir-rikorrenti ssostni li, billi żammitha responsabbli *in solidum* għall-imġiba ta' ksur ta' Caffaro, il-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi u żball manifest ta' evalwazzjoni, żnaturat il-fatti u naqset mill-obbligu ta' motivazzjoni tagħha.

19 Fl-ewwel lok, il-Kummissjoni naqset milli turi li r-rikorrenti kienet eżerċitat influwenza determinanti fuq Caffaro.

20 Ir-rikorrenti ssostni li hija ġiet ikkunsidrata responsabbli *in solidum* għall-ksur minħabba l-fatt li hija kienet l-azzjonarja prinċipali tal-ex-Caffaro, b'sehem ta' minn 53 sa 59 % fil-kapital ta' din tal-aħħar, u li, għalhekk, hija kienet teżerċita kontroll "indirett" fuq Caffaro. Issa, dan il-kontroll, li jirriżulta mir-rabtiet bejn it-tliet kumpanniji, ma huwiex suffiċjenti sabiex jimputa r-responsabbiltà tal-ksur fuq ir-rikorrenti.

21 Fin-nuqqas ta' relazzjoni ta' kontroll ta' 100 % bejn il-kumpanniji kkonċernati, il-Kummissjoni ma setgħetx tippreżumi li r-rikorrenti eżerċitat influwenza determinanti fuq l-imġiba ta' Caffaro. B'mod partikolari, il-fatt li r-rikorrenti approvat il-pjan ta' intervent li wassal għall-irtirar ta' Caffaro mis-suq tal-PBS (premessa 411 tad-deċiżjoni kkontestata) ma jurix li hija kienet eżerċitat influwenza determinanti fuq din il-kumpannija.

22 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni naqset milli turi li l-ex-Caffaro kienet eżerċitat influwenza determinanti fuq Caffaro.

23 Is-sempliċi żamma ta' 100 % tal-kapital ta' kumpannija sussidjarja ma hijiex suffiċjenti sabiex tistabbilixxi r-responsabbiltà tal-kumpannija parent u, fil-każ ineżami, il-Kummissjoni ma ġabitx prova supplimentari li turi l-eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti.

24 Fit-tielet lok, il-Kummissjoni bbażat ruħha, b'mod żbaljat, fuq il-fatt li r-rikorrenti assorbiet lill-ex-Caffaro.

25 Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li turi l-eżistenza ta' influwenza eżerċitata minnha fuq Caffaro u, għalhekk, immodifikat l-approċċ tagħha bejn id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u d-deċiżjoni kkontestata, billi invokat teżi ġdida bbażata fuq l-amalgamazzjoni tal-ex-Caffaro mar-rikorrenti. Issa, minn naħa, din l-amalgamazzjoni seħħet wara l-irtirar ta' Caffaro mis-suq tal-PBS. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni ma wrietx li l-ex-Caffaro kienet eżerċitat influwenza determinanti fuq Caffaro.

26 L-approċċ tal-Kummissjoni jinjora l-ġurisprudenza fil-qasam taċ-ċessjoni ta' impriżi. L-impriża li ssuċċediet lill-ex-Caffaro hija Caffaro, kumpannija li kienet teżerċita l-attività tagħha fis-settur kimiku. L-attiv li jikkorrispondi għall-produzzjoni tal-PBS ġie ttrasferit lil Solvay, fl-1999. Għalhekk, il-fattur rilevanti li wassal għat-twettiq tal-ksur ma kienx jirriżulta ferm qabel l-amalgamzzjoni inkwistjoni. Ebda uffiċjal jew membru tal-bord tad-diretturi ta' Caffaro jew tal-ex-Caffaro ma sar impjegat tar-rikorrenti wara l-amalgamazzjoni.

27 Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, ma hemm ebda kontinwità ekonomika u funzjonali bejn l-ex-Caffaro u r-rikorrenti, iżda, iktar u iktar, bejn l-ex-Caffaro u Caffaro. Din il-kunsiderazzjoni hija kkonfermata mill-prattika deċiżjonali tal-Kummissjoni.

28 Barra minn hekk, il-Kummissjoni naqset milli tesponi b'mod suffiċjenti r-raġunijiet tad-deċiżjoni tagħha li timputa r-responsabbiltà tal-ksur lir-rikorrenti.

29 Fir-replika, ir-rikorrenti ssostni li mill-approċċ segwit mill-Kummissjoni fl-investigazzjoni jirriżulta, kif ikkonfermat fid-deċiżjoni kkontestata, li l-imputazzjoni tar-responsabbiltà inkwistjoni hija bbażata fuq l-influwenza determinanti li hija eżerċitat fuq Caffaro.

30 Mill-premessa 411 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li r-responsabbiltà tar-rikorrenti kienet ibbażata fuq ir-relazzjonijiet tagħha ma' Caffaro, b'mod partikolari, ir-rabtiet eżistenti bejn din tal-aħħar u r-rikorrenti f'termini ta' persunal amministrattiv u l-influwenza tar-rikorrenti fuq il-proċess tat-teħid ta' deċiżjoni ta' Caffaro.

31 Fil-punt 350 tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonjiet, il-Kummissjoni rrilevat is-sehem maġġoritarju tar-rikorrenti fil-kapital tal-ex-Caffaro, fiż-żmien tal-ksur, kif ukoll l-eżistenza tad-dipendenza ta' Caffaro fuq ir-rikorrenti fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni tagħha u kkonkludiet li r-rikorrenti kienet eżerċitat influwenza deċiżiva fuq l-imġiba tas-"sussidjarja tagħha Caffaro". Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni eżaminat u ċaħdet l-argumenti mqajma mir-rikorrenti b'risposta għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, ibbażati essenzjalment fuq in-nuqqas ta' influwenza determinanti min-naħa tagħha fuq Caffaro.

32 Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni ma tistax issostni li, fid-deċiżjoni kkontestata, hija pprevediet biss xi wħud mill-elementi inklużi fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, jew li xi wħud biss mill-elementi indikati fil-premessa 411 tad-deċiżjoni kkontestata kienu rilevanti sabiex tiġi stabbilita r-responsabbilità tar-rikorrenti. Il-fatt li l-Kummissjoni elenkat, fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, serje ta' oġġezzjonaijiet, filwaqt li rriservat il-possibbiltà li tistabbilixxi liema minnhom għandhom jiġu kkunsidrati deċiżivi, wara l-kontestazzjonijiet tal-impriżi involuti, imur kontra d-drittijiet tad-difiża ta' dawn tal-aħħar.

33 Il-fatt li l-Kummissjoni mmodifikat l-approċċ tagħha wara li bagħtet id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet jiġġustifika l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata. Barra minn hekk, id-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi annullata minħabba n-"natura illoġika" tagħha u n-nuqqas ta' motivazzjoni tagħha.

34 L-uniċi elementi meħuda inkunsiderazzjoni fl-istadju tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet (punt 350 tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet) kienu l-kontroll mill-ex-Caffaro ta' 100 % tal-kapital ta' Caffaro, is-sehem maġġoritarju tar-rikorrenti fil-kapital tal-ex-Caffaro u l-influwenza tar-rikorrenti fuq il-proċess deċiżjonali ta' Caffaro. Ir-riferiment għall-amalgamazzjoni inkwistjoni, fil-punt 349 tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, li sar fil-kuntest ta' "sempliċi dikjarazzjoni ta' fatti" ma għandux rabta mal-evalwazzjoni ġuridika fir-rigward tal-imputabbiltà tal-ksur. Dan ir-riferiment kien tant "ġenerali u remot" meta mqabbel mar-raġonament ġuridiku li ma ppermettiex lir-rikorrenti li tqis li kien meħtieġ li tingħata risposta fuq dan il-punt.

35 Il-Kummissjoni affermat, għall-ewwel darba fid-deċiżjoni kkontestata, li r-responsabbiltà tar-rikorrenti fil-ksur kien riżultat tal-amalgamazzjoni tagħha mal-ex-Caffaro. Minħabba din id-diskordanza bejn id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u d-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti ma setgħetx issostni l-osservazzjonijiet tagħha fid-dawl tal-oġġezzjoni inkwistjoni, u dan iwassal għal ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħha kif ukoll tal-Artikolu 27 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81[ KE] et 82[ KE] tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

36 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali*

37 Qabel xejn, għandhom l-ewwel jiġu mfakkra l-kunsiderazzjonijiet li wasslu lill-Kummissjoni sabiex tikkonstata r-responsabbiltà tar-rikorrenti.

38 Fil-premessi 370 sa 379 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ġabret fil-qosor, b'riferiment għall-ġurisprudenza tal-Unjoni, il-prinċipji li hija intendiet tapplika sabiex tidentifika lill-kumpanniji responsabbli mill-ksur.

39 Min naħa, hija fakkret li kumpannija parent setgħet tiġi kkunsidrata li kienet responsabbli mill-imġiba illegali ta' kumpannija sussidjarja, sakemm din tal-aħħar ma tkunx iddeterminat b'mod awtonomu l-imġiba tagħha fis-suq, iżda tkun applikat essenzjalment l-istruzzjonijiet lilha mogħtija mill-kumpannija parent. Hija speċifikat li hija setgħet, essenzjalment, tippreżumi li kumpannija sussidjarja li jkollha 100 % tal-kapital tagħha kkontrollat mill-kumpannija parent tapplika essenzjalment l-istruzzjonijiet mogħtija minn din tal-aħħar u li l-kumpannija parent tista' taqleb il-preżunzjoni billi tipproduċi l-prova kuntrarja (premessa 374 tad-deċiżjoni kkontestata).

40 Min-naħa l-oħra, hija indikat, filwaqt li rreferiet *a contrario sensu* għall-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-16 ta' Novembru 2000, Cascades vs Il-Kummissjoni (C-279/98 P, Ġabra p. I-9693, punti 78 u 79), li, fil-każ fejn l-entità ġuridika inizjalment responsabbli mill-ksur ma tibqax teżisti u titlef il-personalità ġuridika tagħha, billi tiġi purament u simpliċement assorbita minn entità ġuridika oħra, din tal-aħħar għandha għalhekk tinżamm responsabbli għall-ksur imwettaq mill-entità assorbita (premessa 378 tad-deċiżjoni kkontestata).

41 Fir-rigward tar-responsabbiltà tar-rikorrenti, il-Kummissjoni rrilevat, qabel xejn, li din kienet tikkontrolla "s-sussidjarja tagħha [l-ex-Caffaro] matul iż-żmien kollu tal-ksur u, bl-intervent tal-[ex-Caffaro], hija kienet tikkontrolla wkoll lil [Caffaro] fil-mument meta l-attivitajiet fil-qasam tal-PBS bdew isiru minn din tal-aħħar" (premessa 408 tad-deċiżjoni kkontestata). Fl-istess premessa tad-deċiżjoni kkontestata, hija kkonstatat l-eżistenza ta' ċerti rabtiet ta' kapital u ta' persunal bejn it-tliet kumpanniji kkonċernati.

42 Imbagħad, il-Kummissjoni fakkret li, matul is-sajf tal-1999, Caffaro rtirat mis-suq tal-PBS u li, fis-sena 2000, l-ex-Caffaro ġiet assorbita mir-rikorrenti (premessa 409 tad-deċiżjoni kkontestata).

43 Fil-premessa 410 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ppreżentat l-argumenti li permezz tagħhom ir-rikorrenti kkontestat ir-responsabbiltà *in solidum* tagħha, ibbażati b'mod partikolari fuq il-fatt li l-kontroll li hija kienet teżerċita fuq l-ex-Caffaro fiż-żmien tal-ksur kien biss minn 53 sa 59 %, li ma huwiex suffiċjenti sabiex tinżamm responsabbli.

44 Fl-aħħar nett, fil-premessa 411 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni indikat dan li ġej:

"[…] [B]'mod kuntrarju għall-affermazzjoni [tar-rikorrenti], ir-responsabbiltà tagħha ma toħroġx mis-sehem tagħha minn 53 sa 59 % fil-kapital [tal-ex-Caffaro] matul iż-żmien tal-ksur, iżda mill-amalgamazzjoni [tagħha…] [mal-ex-Caffaro,] li kienet il-kumpannija parent 100 % ta' [Caffaro], l-entità li kienet direttament involuta fil-ksur. Il-kwistjoni tal-kontroll bejn [ir-rikorrenti] u [l-ex-Caffaro] ma hijiex għalhekk il-kwistjoni involuta f'dan ir-rigward. Dak li għandu jiġi analizzat hawnhekk huwa r-relazzjoni ta' kontroll bejn l-entità SNIA[-]Caffaro (bl-isem ġdid SNIA wara l-amalgamazzjoni) u s-sussidjarja [Caffaro …]. Ladarba s-sehem ta' 100 % li kien jorbot flimkien, fiż-żmien tal-ksur, [lill-ex-Caffaro] (illum amalgamata [mar-rikorrenti]) u [lill-Caffaro], kif ukoll il-prova tar-relazzjoni ta' dipendenza [tagħha …] fir-rigward tal-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni tagħha, fuq [ir-rikorrenti], u r-rabtiet eżistenti bejn l-entitajiet f'termini ta' amministrazzjoni tal-persunal, il-Kummissjoni tqis li [l-ex-Caffaro] eżerċitat influwenza determinanti fuq l-imġiba tas-sussidjarja tagħha, u li l-elementi invokati [mir-rikorrenti …] ma jistgħux iwaqqgħu l-preżunzjoni tagħha kif ifformulata fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet."

45 Għandu jiġi rrilevat li, minkejja li r-rikorrenti tiddistingwi, fir-rikors, tliet ilmenti li jirrigwardaw, essenzjalment, l-allegat nuqqas ta' rabtiet rilevanti bejn it-tliet kumpanniji kkonċernati, jirriżulta madankollu mill-argumentazzjoni tagħha, kif ukoll mill-osservazzjonijiet tagħha fformulati fis-seduta, li hija tinvoka, fir-realtà, tliet motivi bbażati, fl-ewwel lok, fuq żball ta' liġi u ta' evalwazzjoni li allegatament jivvizzjaw il-konstatazzjoni tar-responsabbiltà *in solidum* tagħha, fit-tieni lok, fuq nuqqas ta' konkordanza bejn id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u r-raġunijiet tad-deċiżjoni kkontestata u, fit-tielet lok, fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.

Fuq l-allegat żball ta' liġi u ta' evalwazzjoni

46 Ir-rikorrenti targumenta li sar żball fl-imputazzjoni tar-responsabbiltà tal-ksur inkwistjoni, billi ssostni li l-Kummissjoni ma wrietx, fl-ewwel lok, li l-ex-Caffaro kienet eżerċitat influwenza determinanti fuq Caffaro, fit-tieni lok, li tali influwenza fuq Caffaro kienet ġiet eżerċitata minnha u, fit-tielet lok, li l-amalgamazzjoni bejn l-ex-Caffaro u r-rikorrenti kienet rilevanti.

47 Għandu jiġi rrilevat li mir-raġunijiet iċċitati iktar 'il fuq tad-deċiżjoni kkontestata, u b'mod partikolari mill-premessa 411 (ara l-punt 44 iktar 'il fuq), jirriżulta li l-konstatazzjoni dwar ir-responsabbiltà tar-rikorrenti fil-ksur hija bbażata fuq il-fatt li din assorbit lill-ex-Caffaro, kumpannija li, fiż-żmien tal-fatti, kienet tikkontrolla 100 % tal-kapital ta' Caffaro, parteċipanti diretta fl-akkordju.

48 Din il-kunsiderazzjoni ma tistax tiġi kontradetta mill-fatt li, fil-premessi 408 u 411 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni rrilevat ukoll ċerti indikazzjonijiet fir-rigward tar-rabtiet li kienu jeżistu bejn il-kumpanniji kkonċernati u ż-żmien tal-ksur, b'mod partikolari, "ir-relazzjoni ta' dipendenza ta' Caffaro, fir-rigward tal-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni tagħha, fuq [ir-rikorrenti], u r-rabtiet eżistenti bejn l-entitajiet f'termini ta' amministrazzjoni tal-persunal". Fil-fatt, in-natura supplementari ta' dawn l-indikazzjonijiet tirriżulta b'mod ċar mill-premessa 411 tad-deċiżjoni kkontestata,

li tindika li "l-kwistjoni tal-kontroll bejn [ir-rikorrenti] u l-impriża preċedenti [ex-Caffaro] ma hijiex […] inkwistjoni".

49 F'dan il-kuntest, fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-argumenti tar-rikorrenti dwar ir-rabta bejn l-ex-Caffaro u Caffaro, għandu jiġi mfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, fil-każ partikolari fejn kumpannija parent ikollha 100 % tal-kapital tas-sussidjarja tagħha li tkun wettqet ksur, hemm preżunzjoni sempliċi li l-imsemmija kumpannija parent teżerċita effettivament influwenza determinanti fuq l-imġiba tas-sussidjarja tagħha.

50 F'dawn iċ-ċirkustanzi, huwa suffiċjenti li l-Kummissjoni tipprova li l-kapital kollu ta' kumpannija sussidjarja huwa miżmum mill-kumpannija parent tagħha sabiex jiġi preżunt li din tal-aħħar teżerċita influwenza determinanti fuq il-politika kummerċjali ta' din il-kumpannija sussidjarja. Imbagħad, il-Kummissjoni tkun tista' tikkunsidra lill-kumpannija parent responsabbli *in solidum* għall-ħlas tal-multa imposta fuq il-kumpannija sussidjarja tagħha, sakemm din il-kumpannija parent, li għandha l-oneru li tirribatti din il-preżunzjoni, ma ġġibx provi suffiċjenti li juru li s-sussidjarja tagħha taġixxi b'mod awtonomu fis-suq (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Settembru 2009, Akzo Nobel et vs Il-Kummissjoni, C-97/08 P, Ġabra p. I-8237, punti 60 u 61, u l-ġurisprudenza ċċitata).

51 Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, fil-każ ineżami, il-Kummissjoni setgħet għalhekk tikkonkludi li kien hemm eżerċizzju ta' influwenza determinanti eżerċitata mill-ex-Caffaro fuq Caffaro, fuq il-bażi ta' preżunzjoni li tirriżulta mir-relazzjoni ta' kontroll ta' 100 % bejn dawn iż-żewġ kumpanniji.

52 Għalhekk, hemm lok li jinċaħad l-argument tar-rikorrenti li l-Kummissjoni ma setgħetx tibbaża ruħha fuq sempliċi preżunzjoni, iżda kellha tenfasizza l-indikaturi konkreti tal-influwenza. Fil-fatt, sabiex il-preżunzjoni inkwistjoni tiġi kkonfutata, huwa l-kompitu tar-rikorrenti li ġġib il-provi suffiċjenti ta' natura li juru li Caffaro kienet iġġib ruħha b'mod awtonomu fis-suq mill-kumpannija parent tagħha, l-ex-Caffaro.

53 Issa, ir-rikorrenti ma ssostni ebda prova f'dan is-sens fil-proċedura amministrattiva, u lanqas ma tagħmel dan quddiem il-Qorti Ġenerali, billi din, minn naħa, sempliċement tikkontesta l-legalità tal-preżunzjoni inkwistjoni u, min-naħa l-oħra, targumenta dwar in-nuqqas ta' rabtiet rilevanti bejn Caffaro u r-rikorrenti. Għalhekk, għandu jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni setgħet, fuq il-bażi tal-preżunzjoni li ma ġietx ikkonfutata, tikkonstata li, fiż-żmien tal-ksur, l-ex-Caffaro kienet teżerċita influwenza determinanti fuq Caffaro, u għalhekk dawn iż-żewġ kumpanniji kkostitwixxew entità ekonomika responsabbli għall-ksur.

54 Fir-rigward, fit-tieni lok, tar-rabta bejn l-entità ekonomika inkwistjoni u r-rikorrenti, mill-premessa 411 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-konstatazzjoni tar-responsabbiltà *in solidum* tar-rikorrenti hija bbażata fuq il-fatt li hija assorbiet lill-ex-Caffaro, kumpannija li eżerċitat influwenza determinanti fuq Caffaro, u mhux fuq influwenza determinanti li r-rikorrenti setgħet teżerċita fuq Caffaro fiż-żmien tal-ksur.

55 Għaldaqstant, l-argument tar-rikorrenti li l-Kummissjoni ma wrietx li hija kienet eżerċitat influwenza determinanti fuq Caffaro għandu jiġi miċħud bħala inapplikabbli.

56 Fir-rigward, fit-tielet lok, tal-argumentazzjoni tar-rikorrenti li l-amalgamazzjoni inkwistjoni ma tikkostitwixxix element li jista' jwassal għar-responsabbiltà tagħha fil-ksur u li, fi kwalunkwe każ, hija ma hijiex is-suċċessur ekonomiku tal-ex-Caffaro, għandu jiġi mfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, meta entità li wettqet ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tkun is-suġġett ta' tibdil ġuridiku jew organizzattiv, dan it-tibdil ma għandux neċessarjament l-effett li joħloq impriża ġdida ħielsa mir-responsabbiltà għall-ksur jekk, mill-perspettiva ekonomika, ikun hemm identiċità bejn iż-żewġ entitajiet (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Diċembru 2007, ETI *et*, C-280/06, Ġabra p. I-10893, punt 42, u l-ġurisprudenza ċċitata).

57 Fil-fatt, jista' jirriżulta meħtieġ, għall-finijiet tal-implementazzjoni effikaċi tar-regoli tal-kompetizzjoni, li r-responsabbiltà tiġi imputata lill-utent ġdid tal-impriża li tkun wettqet il-ksur, fil-każ fejn dan jista' jiġi effettivament ikkunsidrat li huwa s-suċċessur tal-utent inizjali (sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Settembru 2009, Hoechst vs Il-Kummissjoni, T-161/05, Ġabra p. II-3555, punt 51).

58 Dan il-kriterju msejjaħ "tal-kontinwità ekonomika" huwa applikabbli f'ċirkustanzi partikolari, bħal dawk partikolarment tal-każ fejn il-persuna ġuridika responsabbli mill-użu tal-impriża ma tkunx baqgħet ġuridikament teżisti wara t-twettiq tal-ksur (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Lulju 1999, Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni, C-49/92 P, Ġabra p. I-4125, punt 145) jew tal-każ tar-ristrutturazzjoni interna ta' grupp, fid-dawl tar-rabtiet strutturali bejn l-utent inizjali u l-utent il-ġdid tal-impriża, meta l-utent il-ġdid ma jiqafx neċessarjament milli jkollu eżistenza ġuridika, iżda ma jibqax jeżerċita attività ekonomika notevoli fis-suq ikkonċernat (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni, C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P et C-219/00 P, Ġabra p. I-123, punt 359).

59 Issa, b'mod kuntrarju għal dak li r-rikorrenti ssostni, ċirkustanzi partikolari bħal dawn jeżistu fil-każ ineżami.

60 Fil-fatt, kif jirriżulta mill-punt 53 iktar 'il fuq, il-ksur inkwistjoni twettaq mill-entità kkostitwita, fiż-żmien tal-fatti, mill-kumpanniji Caffaro u l-ex-Caffaro, filwaqt li din tal-aħħar ma baqgħetx ġuridikament teżisti, wara t-twettiq tal-ksur, minħabba l-amalgamazzjoni tagħha mar-rikorrenti.

61 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ma tistax validament tibbaża ruħha fuq il-fatt li, minkejja l-amalgamazzjoni tagħha mal-ex-Caffaro, hija, fir-realtà, ma assumietx l-elementi materjali u umani li wasslu għat-twettiq tal-ksur.

62 Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, meta l-impriża inkwistjoni ma tibqax teżisti minħabba l-fatt li din tkun ġiet assorbita minn akkwirent, dan tal-aħħar jassumi l-attivi u l-passivi tagħha, inklużi r-responsabbiltajiet tagħha minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni. F'dan il-każ, ir-responsabbiltà għall-ksur imwettaq mill-impriża assorbita tista' tiġi imputata lill-akkwirent (ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Diċembru 2006, Raiffeisen Zentralbank Österreich *et* vs Il-Kummissjoni, T-259/02 sa T-264/02 u T-271/02, Ġabra p. II-5169, punt 326, u l-ġurisprudenza ċċitata).

63 F'dan ir-rigward, huwa irrilevanti li l-kumpannija sussidjarja li ħadet sehem fil-ksur, Caffaro, tkompli ġuridikament teżisti. Fil-fatt, fir-rigward ta' waħda mill-persuni ġuridiċi responsabbli mill-użu tal-entità ekonomika inkwistjoni, il-fakultà li tissanzjona lill-kumpannija sussidjarja ma għandha ebda effett fuq l-imputazzjoni tar-responsabbiltà tal-ksur fuq il-kumpannija parent tagħha, l-ex-Caffaro, u, konsegwentement, fuq ir-rikorrenti.

64 Barra minn hekk, dawn il-kunsiderazzjonijiet huma msaħħa mill-fatt li l-amalgamazzjoni tal-ex-Caffaro mar-rikorrenti saret fi ħdan grupp ta' kumpanniji li kien diġà jeżisti fiż-żmien tal-ksur.

65 Fil-fatt, kif jirriżulta mill-fatti esposti fil-premessi 408 u 411 tad-deċiżjoni kkontestata, li ma ġewx ikkontestati mir-rikorrenti, fiż-żmien tal-ksur, din ma kinitx biss l-azzjonarja prinċipali tal-ex-Caffaro, b'sehem ta' 53 sa 59 %, iżda appuntat ukoll il-membri kollha tal-bord tad-diretturi ta' din tal-aħħar, li fosthom wieħed minnhom kien ukoll membru tal-bord tad-diretturi tagħha. Barra minn hekk, hemm indikazzjoni tal-involviment tar-rikorrenti fil-proċess deċiżjonali tal-ex-Caffaro u ta' Caffaro, li tirriżulta mill-fatt li d-deċiżjoni tal-irtirar ta' din tal-aħħar mis-suq tal-PBS ġiet annessa mal-minuti tal-laqgħa tal-amministrazzjoni tar-rikorrenti tad-19 ta' Jannar 1999 (premessa 411 tad-deċiżjoni kkontestata).

66 Fid-dawl ta' dawn il-fatti, l-amalgamazzjoni bejn il-kumpanniji kkonċernati, li saret wara t-twettiq tal-ksur, taqa' taħt ristrutturazzjoni interna fi ħdan grupp ta' kumpanniji magħquda flimkien b'rabta strutturali, li tikkorrobora l-eżistenza ta' kontinwità ekonomika bejn l-ex-Caffaro u r-rikorrenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni, punt 58 iktar 'il fuq, punti 344 u 359).

67 Barra minn hekk, dawn il-kunsiderazzjonijiet jiddistingwu l-każ ineżami minn dawk li wasslu, rispettivament, għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 85/74/KEE, tat-23 ta' Novembru 1984, dwar proċedura skont l-Artikolu [81 KE] (Każ IV/30.907 — Prodotti perossiġini) (ĠU 1985 L 35, p. 1), għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 86/398/KEE, tat-23 ta' April 1986, dwar proċedura skont l-Artikolu [81 KE] (Każ IV/31.149 — Polypropylene) (ĠU L 230, p. 1), u għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/191/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, dwar proċedura skont l-Artikolu [81 CE] (Każ IV/31.866, PEBD) (ĠU 1989, L 74, p. 21). Fil-fatt, dawn id-deċiżjonijiet invokati mir-rikorrenti jinvolvu sitwazzjonijiet ta' trasferiment ta' attivitajiet affettwati mill-ksur bejn gruppi ta' impriżi nieqsa minn rabtiet strutturali bejniethom u għalhekk ma humiex, f'dan ir-rigward, simili għall-każ ineżami.

68 Fid-dawl tal-premessa, skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 56 sa 58 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ġustament imputat lir-rikorrenti, bħala utenti ġdida tal-entità ekonomika inkwistjoni, bir-responsabbiltà *in solidum* tal-ksur imwettaq mill-entità kkostitwita mill-kumpanniji Caffaro u l-ex-Caffaro, peress li din tal-aħħar kienet ġiet assorbita mir-rikorrenti wara t-twettiq tal-ksur. Barra minn hekk, din il-kunsiderazzjoni hija msaħħa mill-fatt li l-amalgamazzjoni inkwistjoni taqa' taħt ristrutturazzjoni interna tal-grupp.

69 Konsegwentement, hemm lok li dan il-motiv jiġi miċħud.

Fuq l-allegat nuqqas ta' konkordanza bejn id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u d-deċiżjoni kkontestata

70 Ir-rikorrenti ssostni, essenzjalment, li l-element li wassal lill-Kummissjoni sabiex tikkonkludi li hija kellha responsabbiltà fil-ksur, jiġifieri l-amalgamazzjoni tagħha mal-ex-Caffaro, ma ġiex espost suffiċjentement fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet.

71 B'mod partikolari, hija ssostni li, billi fid-deċiżjoni kkontestata bbażat ruħha fuq l-amalgamazzjoni inkwistjoni, il-Kummissjoni bidlet ir-raġonament espost fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, li kien ibbażat fuq influwenza determinanti eżerċitata minnha stess fuq l-imġiba tas-"sussidjarja tagħha Caffaro" (punt 350 tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet). Dan in-nuqqas ta' konkordanza bejn id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u d-deċiżjoni kkontestata jikkostitwixxi, skont ir-rikorrenti, ksur tal-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 1/2003, kif ukoll tad-drittijiet tad-difiża tagħha.

72 Il-Kummissjoni ssostni li dan l-argument huwa inammissibbli, billi ssostni li dan jikkostitwixxi motiv ġdid, issollevat għall-ewwel darba fl-istadju tar-replika.

73 Għandu jiġi mfakkar li, skont l-Artikolu 48(2) tar-Regoli tal-Proċedura, huwa preklużli jiġu ppreżentati motivi ġodda matul il-kawża sakemm dawn il-motivi ma jkunux ibbażati fuq elementi ta' dritt u ta' fatt li joħorġu matul il-proċedura. Madankollu, motiv li jikkostitwixxi estensjoni ta' motiv espost preċedentement, direttament jew impliċitament, fir-rikors promotur u li għandu rabta mill-qrib miegħu għandu jiġi ddikjarat ammissibbli (ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Settembru 2000, Dürbeck vs Il-Kummissjoni, T-252/97, Ġabra p. II-3031, punt 39, u l-ġurisprudenza ċċitata).

74 Fil-każ ineżami, fir-rikors, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni "bidlet il-motivazzjoni ġuridika tagħha fir-rigward tar-relazzjoni bejn [ir-rikorrenti] u Caffaro fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u bbażat ruħha fuq teżi ġdida li toħroġ […] minn [applikazzjoni tal-preżunzjoni ta' influwenza determinanti]" kif ukoll fuq il-fatt li "r-responsabbiltà [tagħha …] toħroġ inqas mill-parteċipazzjoni materjali [tagħha…] fil-ksur […] milli mill-amalgamazzjoni [tagħha mal-ex-Caffaro]".

75 Għandu jiġi kkunsidrat li, b'dawn l-argumenti, ir-rikorrenti esponiet, fl-istadju tar-rikors, argumentazzjoni bbażata fuq l-allegat nuqqas ta' konkordanza bejn id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u d-deċiżjoni kkontestata. Barra minn hekk, il-Kummissjoni stess irrispondiet għal din l-argumentazzjoni, fir-risposta tagħha, billi indikat b'mod partikolari li d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kienet issemmi l-fatti rilevanti kollha kif ukoll il-prinċipji ta' dritt applikati iktar tard fid-deċiżjoni kkontestata.

76 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-argumentazzjoni żviluppata mir-rikorrenti fir-replika, ibbażata fuq il-ksur tal-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 1/2003 kif ukoll tad-drittijiet tad-difiża tagħha, li jirriżulta mill-allegat nuqqas ta' konkordanza inkwistjoni, għandha tiġi kkunsidrata bħala sempliċi estensjoni ta' motiv espost b'mod impliċitu fir-rikors.

77 Għaldaqstant, dan il-motiv għandu jiġi kkunsidrat bħala ammissibbli.

78 Fil-mertu, għandu jiġi mfakkar li, skont l-Artikolu 27(1) tar-Regolament Nru 1/2003, qabel ma tieħu deċiżjoni, il-Kummissjoni tagħti lill-impriżi kkonċernati l-opportunità li jindikaw il-perspettiva tagħhom fir-rigward tal-oġġezzjonijiet li hija tkun qajmet. Hija tibbaża d-deċiżjonijiet tagħha biss fuq l-oġġezzjonijiet li fir-rigward tagħhom il-partijiet ikkonċernati setgħu jagħmlu l-osservazzjonijiet tagħhom.

79 Il-garanzija proċedurali prevista minn din id-dispożizzjoni tapplika l-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża, li jirrikjedi b'mod partikolari li d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, indirizzata mill-Kummissjoni lil impriża li fil-konfront tagħha hija għandha l-intenzjoni timponi sanzjoni għall-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, tinkludi l-elementi essenzjali meqjusa kontra din l-impriża, bħall-fatti allegati, il-klassifikazzjoni li tingħatalhom u l-provi li fuqhom il-Kummissjoni tibbaża ruħha, sabiex din l-impriża tkun f'pożizzjoni li ssostni l-argumenti tagħha b'mod effikaċi fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva mibdija kontra tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Lulju 1970, ACF Chemiefarma vs Il-Kummissjoni, 41/69, Ġabra p. 661, punt 26, u tat-3 ta' Settembru 2009, Papierfabrik August Koehler et vs Il-Kummissjoni, C-322/07 P, C-327/07 P et C-338/07 P, Ġabra p. I-7191, punt 36).

80 Madankollu, il-klassifikazzjoni ġuridika tal-fatti li saret fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet tista' tkun biss, bħala definizzjoni, provviżorja, u deċiżjoni sussegwenti tal-Kummissjoni ma tistax tiġi annullata biss għar-raġuni li l-konklużjonijiet definittivi li saru minn dawn il-fatti ma jikkorrispondux b'mod preċiż għal din il-klassifikazzjoni intermedjarja. Fil-fatt, il-Kummissjoni għandha tisma' lid-destinatarji ta' dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u, jekk ikun il-każ, tieħu inkunsiderazzjoni l-osservazzjonijiet tagħhom intiżi sabiex iwieġbu għall-oġġezzjonijiet billi timmodifika l-analiżi tagħha, proprju sabiex tirrispetta d-drittijiet tad-difiża tagħhom (sentenzi tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Lulju 2004, Mannesmannröhren-Werke vs Il-Kummissjoni, T-44/00, Ġabra p. II-2223, punt 100, u tat-8 ta' Lulju 2008, Lafarge vs Il-Kummissjoni, T-54/03, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 97).

81 Deċiżjoni bbażata fuq elementi essenzjali li fir-rigward tagħhom l-impriża kkonċernata ma kinitx f'pożizzjoni li tiżgura d-difiża tagħha għandha tiġi annullata, indipendentement mill-kwistjoni ta' jekk ir-responsabbiltà tal-impriża tistax tirriżulta minn elementi oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Papierfabrik August Koehler *et* vs Il-Kummissjoni, punt 79 iktar 'il fuq, punti 43 u 44).

82 Fil-każ ineżami, għandu jiġi osservat li, fil-punti 326 sa 328 tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, il-Kummissjoni esponiet il-prinċipji legali u l-ġurisprudenza li jipprovdu li meta l-persuna ġuridika li tkun wettqet il-ksur ma tibqax ġuridikament teżisti, ir-responsabbiltà tagħha tista' tiġi ttrasferita lis-suċċessur tagħha, filwaqt li rreferiet b'mod partikolari għall-każ meta l-kumpannija responsabbli mill-ksur tkun ġiet assorbita minn kumpannija oħra.

83 Barra minn hekk, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha dwar ir-responsabbiltà tar-rikorrenti, fil-punt 349 tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, il-Kummissjoni rrilevat, b'mod partikolari, li, "kif hawn fuq spjegat, fis-sena 2000, [l-ex-]Caffaro amalgamat [mar-rikorrenti] u [Industrie Chimiche Caffaro] bidlet isimha sabiex saret Caffaro".

84 Għandu jiġi kkunsidrat li l-produzzjoni ta' dawn l-elementi fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ippermettiet lir-rikorrenti li tieħu konjizzjoni tar-rilevanza tal-amalgamazzjoni inkwistjoni, fir-rigward tar-responsabbiltà tagħha, u, għalhekk, li tifhem il-kontenut tal-oġġezzjoni tal-Kummissjoni.

85 Din il-kunsiderazzjoni ma hijiex kkonfutata mill-fatt li, minkejja li rreferiet għall-amalgamazzjoni inkwistjoni fil-punt 349 tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, il-Kummissjoni ma daħħlitx dan l-element, b'mod speċifiku, fil-klassifikazzjoni ġuridika tal-imġiba tar-rikorrenti fid-dawl tal-prinċipji rrilevati fil-punti 326 sa 328 tal-istess dikjarazzjoni.

86 B'mod partikolari, għandu jiġi osservat, li, minkejja r-riferiment għall-imsemmija amalgamazzjoni fil-premessa 349 tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, il-Kummissjoni sostniet, fil-premessa ta' wara, li hija ppreżumiet l-eżerċizzju ta' influwenza determinanti tar-rikorrenti fuq l-imġiba tas-"sussidjarja tagħha Caffaro", fid-dawl tar-rabtiet bejn il-kumpanniji kkonċernati li kienu eżistenti fiż-żmien tal-ksur.

87 Madankollu, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 79 u 80 iktar 'il fuq, il-klassifikazzjoni ġuridika tal-fatti li ssir fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet hija biss provviżorja. Billi tippreċiża, b'mod leġittimu, din il-klassifikazzjoni fid-deċiżjoni finali tagħha, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tagħti importanza ikbar lill-elementi li qabel hija tkun ikkunsidrat sekondarji, bil-kundizzjoni, madankollu, li hija tikkunsidra biss fatti li dwarhom il-partijiet interessati kellhom l-okkażjoni jesprimu ruħhom u li hija tkun ipprovdiet, matul il-proċedura amministrattiva, l-elementi neċessarji għad-difiża (ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali M. Bot fil-kuntest tas-sentenza Papierfabrik August Koehler et vs Il-Kummissjoni, punt 79 iktar 'il fuq, Ġabra p. I-7196, punt 93).

88 Issa, fil-każ ineżami, sa fejn il-prinċipji ta' dritt u l-punti ta' fatt inkwistjoni ġew indikati fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, il-fatt li l-Kummissjoni ma indikatx b'mod espliċitu l-klassifikazzjoni speċifika ta' wieħed minn dawn il-punti ta' fatt ma kienx ta' natura li jimpedixxi lir-rikorrenti milli tiddefendi ruħha b'mod effikaċi.

89 Din il-konklużjoni hija kkorroborata mill-fatt, li jirriżulta mill-proċess, li r-rikorrenti sostniet, kemm fir-risposta tagħha għad-dikarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kif ukoll fis-seduta, argumentazzjoni speċifika dwar il-konsegwenzi tal-amalgamazzjoni inkwistjoni għar-responsabbiltà tagħha fil-ksur.

90 Minn dan jirriżulta li d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ippermettiet lir-rikorrenti tevalwa r-rilevanza tal-amalgamazzjoni tagħha mal-ex-Caffaro, fil-kuntest tal-oġġezzjoni bbażata fuq ir-responsabbiltà *in solidum* tagħha fil-ksur, u li ssostni l-perspettiva tagħha fuq dan l-element.

91 Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, għandu jiġi kkunsidrat li d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ma hijiex affettwata minn vizzju li seta' affettwa l-possibbiltajiet ta' difiża tar-rikorrenti.

92 Konsegwentement, dan il-motiv ma jistax jintlaqa'.

Fuq l-allegat ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni

93 Ir-rikorrenti tissottometti l-insuffiċjenza tar-raġunijiet tad-deċiżjoni kkontestata fir-rigward tar-responsabbiltà *in solidum* tagħha fil-ksur kif ukoll n-natura kontradittorja tagħhom.

94 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-motivazzjoni rikjesta mill-Artikolu 253 KE għandha tiġi adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġonament tal-istituzzjoni, l-awtriċi tal-att, b'mod li jippermetti lill-partijiet ikkonċernati jagħrfu r-raġunijiet wara l-miżura meħuda u lill-qorti kompetenti teżerċita l-istħarriġ tagħha (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' April 1998, Il-Kummissjoni vs Sytraval u Brink's France, C-367/95 P, Ġabra p. I-1719, punt 63, u l-ġurisprudenza ċċitata).

95 Fil-każ ineżami, kif jirriżulta mill-punti 37 sa 44 iktar 'il fuq, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni esponiet kemm il-prinċipji legali kif ukoll il-kunsiderazzjonijiet fattwali li fuqhom hija bbażat il-konstatazzjoni dwar ir-responsabbiltà tar-rikorrenti.

96 B'mod partikolari, minn naħa, mill-premessa 411 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-Kummissjoni kkonstatat l-eżerċizzju ta' influwenza determinanti tal-ex-Caffaro fuq Caffaro, fid-dawl b'mod partikolari tar-relazzjoni ta' kontroll ta' 100 % li kienet torbot lil dawn il-kumpanniji fiż-żmien tal-ksur, li ħolqot preżunzjoni li ma ġietx ikkonfutata mir-rikorrenti.

97 Min-naħa l-oħra, mill-istess premessa jirriżulta li l-Kummissjoni waslet għar-responsabbiltà tar-rikorrenti, bħala kumpannija li assorbiet kumpannija oħra, fid-dawl tal-amalgamazzjoni tagħha mal-ex-Caffaro, li kienet il-kumpannija parent ta' Caffaro, il-kumpannija involuta direttament fl-akkordju.

98 Il-konklużjoni li tirriżulta minn dawn il-kunsiderazzjonijiet ma hija bl-ebda mod kontradetta mill-elementi l-oħra rrilevati mill-Kummissjoni, jiġifieri l-fatt li, fiż-żmien tal-ksur, ir-rikorrenti kienet l-azzjonarja prinċipali tal-ex-Caffaro u li kien hemm ċerti rabtiet personali bejn il-kumpanniji kkonċernati (premessa 408 tad-deċiżjoni kkontestata) kif ukoll indikazzjonijiet li r-rikorrenti kienet involuta fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni ta' Caffaro (premessa 411 tad-deċiżjoni kkontestata). Fil-fatt, dawn l-elementi l-oħra jikkorroboraw l-eżistenza tal-kontinwità ekonomika bejn l-ex-Caffaro u r-rikorrenti, billi jattestaw il-fatt li l-amalgamazzjoni inkwistjoni seħħet fi ħdan grupp ta' kumpanniji magħquda flimkien b'rabta strutturali li kienet diġà teżisti fiż-żmien tal-ksur (ara l-punti 64 sa 66 iktar 'il fuq).

99 Għalhekk, hemm lok li jiġi rrilevat li l-kontradizzjoni tar-raġunijiet, invokata mir-rikorrenti u bbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni kkonstatat li din kienet tikkontrolla l-kumpannija sussidjarja tagħha matul iż-żmien kollu tal-ksur (premessa 408 tad-deċiżjoni kkontestata), qabel ma ddikjarat li dan l-istess element ma kienx "inkwistjoni" (premessa 411 tad-deċiżjoni kkontestata), ma tirriżultax. Fil-fatt, mill-premessa 411 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-kontroll eżerċitat mir-rikorrenti fuq il-kumpannija sussidjarja tagħha fiż-żmien tal-ksur ma jikkostitwixxix il-bażi tal-konstatazzjoni tar-responsabbiltà tagħha, fuq il-bażi tal-kwalità tagħha ta' kumpannija li assorbiet kumpannija oħra, iżda jidħol fir-raġonament inkwistjoni biss bħala indikazzjoni tal-fatt li l-amalgamazzjoni inkwistjoni seħħet fi ħdan grupp ta' kumpanniji li kienu jeżistu qabel.

100 Barra minn hekk, ir-rikorrenti b'mod żbaljat issostni li mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-Kummissjoni riedet issostni t-teżi, esposta fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, li r-responsabbiltà tagħha kienet tirriżulta, suffiċjentement skont il-liġi, mill-influwenza li hija eżerċitat fuq Caffaro u l-ex-Caffaro fiż-żmien tal-ksur.

101 Ir-rikorrenti tasal għal din il-kunsiderazzjoni mill-fatt li, fil-premessi 410 u 411 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni eżaminat l-argumenti li permezz tagħhom hija pprovat turi li ma kinitx eżerċitat influwenza fuq Caffaro. Issa, huwa proprju bi tweġiba għall-argumenti inkwistjoni li l-Kummissjoni indikat li, "b'mod kuntrarju

għall-affermazzjoni [tar-rikorrenti,] ir-responsabbiltà tagħha ma toħroġx mis-sehem [tagħha] mill-kapital ta' Caffaro […] iżda mill-amalgamazzjoni [tar-rikorrenti] mal-[ex-Caffaro] li kienet il-kumpannija parent 100 % ta' [Caffaro]" (premessa 411 tad-deċiżjoni kkontestata).

102 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti tikkritika lill-Kummissjoni minħabba "t-tentattiv tagħha li taqsam il-motivazzjoni f'diversi elementi u tagħti prijorità biss lil xi wħud minnhom", billi ssostni li, anki jekk il-premessa 411 tad-deċiżjoni kkontestata kellha tiġi evalwata bħala "konglomerat ta' ċirkustanzi distinti", il-Kummissjoni "ma tistax tippretendi li tattribwixxi *a posteriori* valur deċiżjonali biss lil xi wħud minn fosthom" (punt 42 tar-replika).

103 Issa, b'din il-kritika, ir-rikorrenti tonqos milli tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li raġonament espost fid-deċiżjoni kkontestata jista', apparti l-kunsiderazzjonijiet prinċipali, ikollu indikazzjonijiet li jsaħħu dawn il-kunsiderazzjonijiet.

104 Fil-fatt, ladarba mir-raġunijiet inkwistjoni kollha jirriżulta li r-responsabbiltà *in solidum* tar-rikorrenti ġiet dedotta mill-kwalità tagħha ta' kumpannija li assorbiet waħda mill-kumpanniji responsabbli mill-użu tal-entità li wettqet il-ksur, id-deskrizzjoni tar-rabtiet li kienu jeżistu bejn il-kumpanniji kkonċernati fiż-żmien tal-ksur tista' biss issaħħaħ din il-kunsiderazzjoni, billi tattesta l-fatt li l-amalgamazzjoni inkwistjoni seħħet fi ħdan grupp ta' kumpanniji magħquda flimkien permezz ta' rabta strutturali.

105 Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet kollha, hemm lok li l-motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni jiġi miċħud u li r-rikors preżenti jiġi, għalhekk, miċħud fl-intier tiegħu.

**Fuq l-ispejjeż**

106 Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-rikorrenti tilfet il-kawża, hemm lok li din tiġi kkundannata għall-ispejjeż, skont it-talbiet tal-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

**1) Ir-rikors huwa miċħud.**

**2) SNIA SpA hija kkundannata għall-ispejjeż.**

Vadapalas Dittrich Truchot

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fis-16 ta' Ġunju 2011.

Firem